# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2233

## tat-23 ta' Diċembru 2020

## dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("il-Ftehim Intern tal-ħdax-il FEŻ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fondi ġejjin mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) minn operazzjonijiet taħt id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il Fond Ewropew tal-Iżvilupp (FEŻ) ("fondi li jirriżultaw mir-rimborżi") ma jistgħux jiġu impenjati lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2020 sakemm il-Kunsill, li jkun qed jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni, ma jiddeċidix mod ieħor.

(2) Hemm evidenza b'saħħitha li, filwaqt li l-Faċilità ta' Investiment tal-AKP ikkontribwiet għall-objettivi tat-tnaqqis tal-faqar, għall-integrazzjoni fl-ekonomija dinjija u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi AKP, kif stabbilit fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([2]), (il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), din ma mmassimizzatx il-kontribuzzjoni tagħha f'dan ir-rigward. L-użu kontinwu tar-rimborżi tal-Faċilità ta' Investiment tal-AKP f'qafas ġdid u taħt governanza ġdida jistgħu jwasslu għal riżultati aħjar fl-iżvilupp.

(3) Fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ("il-proposta NDICI"), li jipprevedi l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus ("EFSD+") u Garanzija għall-Azzjoni Esterna, li għalihom l-Istati Membri jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet li jkunu jistgħu jallokaw għat-tnedija ta' azzjonijiet f'reġjuni, pajjiżi, setturi jew fi twieqi ta' investiment eżistenti speċifiċi.

(4) Fl-4 ta' Diċembru 2020 l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE adotta d-Deċiżjoni Nru 2/2020 ([3]) li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019 ([4]) sabiex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE biex tiġi estiża aktar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Novembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim ġdid AKP-UE ("il-Ftehim il-ġdid"), jew l-applikazzjoni proviżorja bejn l-Unjoni u l-Istati AKP tal-Ftehim il-ġdid, skont liema tiġi l-ewwel. Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 1(5) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ, li matulu l-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp jistgħu jiġu impenjati, jenħtieġ li jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2021 sabiex jippermetti impenji ġodda tar-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP u l-appoġġ kontinwu lill-pajjiżi AKP sakemm strument għall-finanzjament tal-viċinat, l-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali jiġi adottat abbażi tal-proposta NDICI ("l-istrument ta' finanzjament estern") isir kompletament operattiv.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.
([2]) ĠU L317, 15.12.2000, p. 3.
([3]) Id-Deċiżjoni Nru 2/2020 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 420, 14.12.2020, p. 32).
([4]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU L 1, 3.1. 2020, p. 3).

(5) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1601 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ("EFSD") jitqies li huwa rilevanti ħafna għall-ħtiġijiet tal-investiment tar-reġjuni koperti (l-Afrika sub-Saħarjana u l-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew), u għall-prijoritajiet u l-impenji tal-Unjoni.

(6) Fil-komunikazzjoni konġunta tagħhom tad-9 ta' Marzu 2020 imsemmija "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika"( il-"komunikazzjoni konġunta"), il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") talbu lill-Unjoni biex tappoġġa t-tkabbir u l-impjiegi sostenibbli fil-kontinent Afrikan. L-Unjoni tixtieq, fost oħrajn, tissieħeb mal-Afrika għall-promozzjoni tal-investiment billi jiżdied l-użu ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi.

(7) Fil-komunikazzjoni konġunta, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli issottolinjaw li l-istrumenti finanzjarji għandhom iħeġġu l-investiment b'impatt għoli fuq l-iżvilupp, fil-biċċa l-kbira f'appoġġ għas-settur privat, skont il-kriterji stabbilit mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2014 bit-titolu "Rwol Aktar b'Saħħtu tas-Settur Privat fil-Kisba ta' Tkabbir Inklużiv u Sostenibbli fil-Pajjiżi li Qed Jiżviluppaw", jiġifieri impatt fuq l-iżvilupp li jista' jitkejjel, l-addizzjonalità, in-newtralità, interess komuni u kofinanzjament, l-effett ta' dimostrazzjoni u l-aderenza ma' standards soċjali, ambjentali u fiskali.

(8) Huwa meħtieġ li r-rimborżi msemmija f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jikkostitwixxu kontribuzzjonijiet għall-istrument ta' finanzjament estern ("dħul assenjat estern assenjat" kif imsemmi fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6])) sabiex jiġi ffinanzjat l-appoġġ lill-pajjiżi AKP taħt approċċ ta' pakkett uniku u skont l-objettivi, il-prinċipji u l-governanza tal-istrument ta' finanzjament estern permezz ta' strumenti finanzjarji, operazzjonijiet ta' taħlit, garanziji baġitarji jew kwalunkwe forma oħra ta' appoġġ mhux rimborżabbli, skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dan jippermetti tranżizzjoni mingħajr interruzzjonijiet mill-Faċilità ta' Investiment tal-AKP u kontinwità f'termini ta' firxa ta' prodotti.

(9) Il-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi jenħtieġ li ma jiġux rċevuti bħala dħul assenjat estern mill-istrument ta' finanzjament estern lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2027. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tal-oqfsa finanzjarji pluriennali sussegwenti, wara dik id-data dawk il-fondi ser jiġu rċevuti minn mekkaniżmi ta' finanzjament sussegwenti sakemm jiġu eżawriti.

(10) Jenħtieġ li r-rimborżi tal-Faċilità ta' Investiment tal-AKP, fid-dawl tal-ammont ġenerali stmat mistenni għall-perijodu 2021-2027, jiġu ttrasferiti annwalment bħala pagament supplimentari għal-linji baġitarji rilevanti tal-istrument ta' finanzjament estern, skont id-dokumenti tal-programmazzjoni.

(11) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tgħaddi l-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż permezz tal-EFSD+, bil-għan li timmassimizza l-impatt fuq l-iżvilupp u l-addizzjonalità tagħhom, filwaqt li tqis ukoll il-kwistjonijiet tas-sostenibbiltà tad-dejn. L-operazzjonijiet kollha jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-governanza tal-EFSD+ u għall-prinċipju li l-'politiki jiġu l-ewwel'.

(12) F'konformità mal-proposta tal-NDICI, il-fondi li ġejjin mir-rimborżi jenħtieġ li jkunu primarjament diretti lejn strumenti ta' żvilupp b'riskji finanzjarji għoljin, b'mod partikolari l-finanzjament tal-impatt, fondi tal-ekwità u attività fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs). Jenħtieġ li l-operazzjonijiet ikollhom l-għan li jimmassimizzaw l-impatt fuq l-iżvilupp.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(13) Skont l-Artikolu 152(4) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([7]), is-sehem tar-Renju Unit mill-Faċilità ta' Investiment tal-AKP mill-FEŻ, akkumulat permezz ta' perijodi suċċessivi tal-FEŻ, għandu jiġi rimborżat lir-Renju Unit meta l-investiment jimmatura. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, is-sehem tar-Renju Unit fil-kapital ma għandux jiġi impenjat mill-ġdid lil hinn minn tmiem il-perijodu ta' impenn tal-ħdax-il FEŻ jew jiġi riportat f'perijodi sussegwenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għal operazzjonijiet taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP, il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 1(5) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ, li matulu l-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp jistgħu jiġu impenjati, qed jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2021, jew sad-dħul fis-seħħ ta' regolament li jistabbilixxi l-istrument ta' finanzjament estern , skont liema jkun tal-aħħar, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2021, biex ikunu jistgħu jsiru impenji ġodda tar-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP.

*Artikolu 2*

1. Il-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9, l-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp wara t-30 ta' Ġunju 2021 għandhom jikkostitwixxu kontribuzzjonijiet għall-istrument ta' finanzjament estern, fil-forma ta' dħul assenjat estern għall-fini tal-għoti ta' finanzjament permezz tal-BEI b'garanziji baġitarji u operazzjonijiet ta' taħlit taħt il-Fond EFSD+, Garanzija għall-Azzjoni Esterna u strumenti finanzjarji jew kwalunkwe forma oħra ta' appoġġ mhux rimborżabbli skont il-prinċipji, l-objettivi u l-governanza tal-EFSD+.

2. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-oqfsa finanzjarji pluriennali sussegwenti, wara l-31 ta' Diċembru 2027, u sal-eżawriment tar-rimborżi, il-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi għandhom jikkostitwixxu kontribuzzjonijiet għal strumenti ta' finanzjament estern sussegwenti tal-Unjoni li jissostitwixxu l-istrument ta' finanzjament estern .

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "rimborżi" tfisser kwalunkwe dħul, inklużi dividendi, qligħ kapitali, tariffi ta' garanzija u imgħax fuq self, fuq ammonti fi kwalunkwe kont miftuħ għall-fini tar-reġistrazzjoni tal-flus miżmuma għall-kont tal-Faċilità ta' Investiment tal-AKP. Tfisser ukoll remunerazzjoni minn investimenti tat-teżor, u ħlasijiet lura, inkluż ħlasijiet lura kapitali, garanziji rilaxxati u ħlas lura tal-kapital ta' self li jirriżulta minn operazzjonijiet taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP. Il-fondi li jirriżultaw mid-diżimpenn ta' rimborżi għandhom ukoll jitqiesu bħala rimborżi.

4. Ir-rimborżi għandhom ikunu soġġetti għar-regoli u l-proċeduri applikabbli tal-istrument ta' finanzjament estern .

*Artikolu 3*

Il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu allokati għall-pajjiżi tal-AKP.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([7]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021, minbarra l-Artikolu 2 li għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2021 jew mid-dħul fis-seħħ ta' regolament li jistabbilixxi l-istrument ta' finanzjament estern, skont liema jseħħ l-aħħar.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ROTH